

Suġġett

Rikors għal danni intiż għall-ksib ta' kumpens għad-dannu allegatament sostnut mir-rikorrenti minħabba n-nuqqas tad-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kajr (l-Eġittu) li ttiprovdi, wara r-riżenja tagħha, iċ-ċertifikat tagħha ta' tmiem is-servizz lill-organu Eġizzjan tas-sigurtà soċjali u li tirregolarizza ulterjorment is-sitwazzjoni tagħha f'dan ir-rigward

Dispożittiv

- 1) *Is-Service européen pour l'action extérieure (SEAE) (Servizz Ewropew għall-Azzjoni Barranija) huwa kkundannat iħallas kumpens ta' EUR 25 000 lil R. Chart.*
- 2) *Ir-rikors huwa miċħud għall-bqija.*
- 3) *R. Chart għandha tbat i tnejn minn għaxra tal-ispejjeż tagħha u tnejn minn għaxra tal-ispejjeż ta' SEAE.*
- 4) *Is-SEAE għandu jbati tmienja minn għaxra tal-ispejjeż tiegħu u tmienja minn għaxra tal-ispejjeż ta' R. Chart.*

⁽¹⁾ ĠU C 159, 26.5.2014

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2015 – CareAbout vs UASI – Florido Rodríguez (Kerashot)

(Kawża T-356/14) ⁽¹⁾

[*“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Kerashot — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti K KERASOL — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru°207/2009 — Rifjut parzjali tar-reġistrazzjoni mill-Bord tal-Appell”*]

(2016/C 048/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: CareAbout GmbH (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Mes, C. Graf von der Groeben, G. Rother, J. Bühling, A. Verhauwen, J. Künzel, D. Jestaedt, M. Bergermann, J. Vogtmeier u A. Kramer, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: José Luis Florido Rodríguez (Sevilla, Spanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-24 ta' Marzu 2014 (Każ R 1569/2013-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn José Luis Florido Rodríguez u CareAbout GmbH.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *CareAbout GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 253, 4.8.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2015 – L-Iżvezja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-521/14) ⁽¹⁾

[“Regolament (UE) Nru^o 528/2012 — Prodotti bijoċidali — Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Speċifikazzjoni tal-kriterji xjentifiċi għad-determinazzjoni tal-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali — Nuqqas tal-Kummissjoni milli tadotta atti delegati — Obbligu li wieħed jaġixxi”]

(2016/C 048/54)

Lingwa tal-kawża: l-Iżvediż

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju tal-Iżvezja (rappreżentanti: A. Falk, K. Sparman u L. Swedenborg, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Kukovec, aġent, assistit minn M. Johansson, avukat)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrent: ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: C. Thorning u N. Lyshøj, aġenti); ir-Repubblika ta' Franza (rappreżentanti: D. Colas u S. Ghiandoni, aġenti); ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: inizjalment M. Bulterman u M. Noort, sussegwentement M. Bulterman u C. Schillemans, aġenti); ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: H. Leppo, aġent); il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: A. Neergaard u P. Schonard, aġenti); u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Moore u A. Norberg, aġenti)

Suġġett

Talba intiża tikkonstata li l-Kummissjoni naqqset b'mod illegali milli tadotta atti delegati dwar kriterji xjentifiċi għad-determinazzjoni tal-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali.

Dispożittiv

- 1) Il-Kummissjoni Ewropea naqqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru^o 528/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2012, dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali, meta naqqset milli tadotta atti delegati għal dak li jirrigwarda l-ispeċifikazzjoni tal-kriterji xjentifiċi għad-determinazzjoni tal-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali.